# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum it-Tnejn 18 ta' Marzu, 2024**

**Rikors Ġuramentat nru. 294/2023MH**

**Numru:**

**Albert Pullicino**

**Maria Lourdes Zarb**

**Vs**

**Carmel Pullicino**

**Mario Ascione**

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors ġuramentat** fejn ġie premess u mitlub illi

1. *Illi l-partijiet huma ulied id-defunti Emanuel Pullicino u Angela Pullicino.*

2. *Illi Angela Pullicino, ossia omm il-partijiet, mietet nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t'April tas-sena elfejn u hdax (2011) (Dokument anness u mmarkat bħala Dok. 'A') u , kif jirriżulta mill-annessi riċerki testamentarji tagħha (kopji hawn annessi bħala Doks. 'B' u 'Ċ'), is-suċċessjoni tagħha hija regolata permezz ta' testment pubbliku datat 1 ta' Marzu, 2006 in atti Nutar Ian Castaldi Paris (kopja hawn annessa bħala Dok. 'D') permezz ta' liema hija nnominat lil żewġha Emanuel Pullicino bħala eredi universali tagħha.*

3. *Illi Emanuel Pullicino, ossia missier il-partijiet, miet nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) (Dokument anness u mmarkat bħala Dok. 'E');*

4. *Illi, kif jirriżulta mill-annessi riċerki testamentarji tieghu (kopji hawn annessi bħala Doks. 'F' u 'Ġ'), is-suċċessjoni tad-defunt Emanuel Pullicino hija regolata permezz tal-istess testment pubbliku fuq imsemmi datat 1 ta' Marzu, 2006 in atti Nutar Ian Castaldi Paris (kopja hawn annessa bħala Dok. 'D') permezz ta' liema huwa nnomina lill-partijiet f'din il-kawża, u cioe' l-erba' wliedu, bħala werrieta universali tiegħu f'ishma ndaqs bejniethom.*
5. *Illi fid-data tal-mewt tiegħu l-imemmi Emanuel Pullicino kien inter alia jipposjedi f'assoluta proprjeta s-segwenti –*

5.1. *Il-mezzanin li jġib in-numru uffiċjali erbgħa u erbgħin (44) u bl-isem 'Valley View' fi Triq il-Ġnien, Gharghur, sovrapport ghal garaxx proprjeta' tar-rikorrent Albert Pullicino, u bl-arja libera tieghu;*

5.2. *Porzjon diviza ta' art ossija ghalqa formanti parti mill-art imsejha 'tax-Xwieki' fi triq bla isem li taghti ghal Triq ix-Xwieki fil-limiti tal-Gharghur ta' kejl superfiċjali ta' 309 metri kwadri (pjanta hawn annessa bhala Dok. Ħ);*

5.3. *Ghalqa minghajr faċċata fuq ebda triq pero aċċessibbli minn passaġġ komuni minghajr numru u minghajr isem li jwassal għal Triq in-Naxxar, fil-limiti tal-Għargħur li tinkludi kamra u bir taht l-istess kamra ta' kejl superfiċjali ta' 380 metri kwadri (pjanta hawn annessa bhala Dok. 'I');*

5.4. *Mobbli fil-fond indikat f'para: 5.1, flus id-dar, oġġetti tad-deheb, kontijiet bankarji f'banek lokali u ohrajn esteri u assi oħra kif jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

6. *Illi l-partijiet ghamlu dikjarazzjoni causa mortis in atti tan-Nutar Dottor Charmaine Bonnici datata 24 t'Ottubru, 2018 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'J').*

7. *Illi l-oġġetti tad-deheb u l-flus li kien hemm fil-banek lokali ġew maqsuma bejn il-partijiet.*

***Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri***

8. *Illi l-partijiet ma waslux fi ftehim sabiex jaqsmu bejniethom l-assi ereditarji tad-defunti ġenituri tagħhom.*

9. *Illi l-esponenti ma jridux jibqgħu iżjed in komunjoni mal-intimati tal-assi ereditarji tad-defunti ġenituri tagħhom Emanuel u Angela, konjugi Pullicino, u għalhekk qed issir din il-kawza.*

10. *Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li jafu b'dawn il-fatti personalment.*

***Talbiet***

*Jgħidu għalhekk l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara li l-partijiet huma l-eredi universali ta' missierhom Emanuel Pullicino, u dan fi kwoti ndaqs bejniethom;*

2. *Tillikwida l-konsistenza tal-assi ereditarji kollha tad-defunt missierhom Emanuel Pullicino billi jiġi dikjarat li tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli, korporali u inkorporali li jirriżultaw fil-kors tal-kawża, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Taqsam u tiddividi dawk l-assi ereditarji tad-defunt Emanuel Pullicino li jistgħu jiġu hekk diviżi bejn l-erba' kontendneti f'din il-kawza fi kwoti indaqs, u cioe' fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda millpartijiet;*

4. *Tiddikjara illi l-fond ossija l-mezzanin li jġib in-numru uffiċjali erbgħa u erbgħin (44) u bl-isem 'Valley View' fi Triq il-Ġnien, Gharghur, sovrapport ghal garaxx proprjeta' tar-rikorrent Albert Pullicino, u bl-arja libera tieghu mhuwiex komodament diviżibbli u għalhekk għandu jiġi mibjugħ billiċitazzjoni u bil-parteċipazzjoni ta' obblaturi estraneji u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti f'ammonti ugwali bejniethom;*

5. *Tiddikjara illi ż-żewġ proprjetajiet immobbli l-oħra, u cioe' ż-żewġ porzjonijiet ta' art ossija egħlieqi msemmija f'paragrafi 5.2 u 5.3 supra, għandhom jiġu stmati tramite l-opra ta' perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti u tordna illi dawn jiġu assenjati bix-xorti in kwantu waħda lir-rikorrenti u l-oħra lill-intimati, salv il-ħlas ta' kwalsijasi ekwiparazzjoni illi l-parti li tiġi assenjata l-għalqa li tiġi stmata li għandha l-ikbar valur tiġi kundannata solidalment li tħallas lill-parti l-oħra;*

6. *Tinnomina nutar pubbliku sabiex jilqà u jippubblika kwalsiasi kuntratt pubbliku li jistà jkun meħtieġ u neċessarju, jew kull kuntratt u/jew skrittura oħra talvolta meħtieġa u neċessarja konsegwenzjalment għall-ordinijiet mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

7. *Tipprefiġġi data, lok u ħin li fihom għandu jiġi ppubblikat l-att relattiv u/jew jiġu ffirmati dawk id-dokumenti u skritturi meħtieġa sabiex l-ordinijet u l-provvedimenti mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha jingħataw eżekuzzjoni sħiħa u effettiva skond il-liġi;*

8. *Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq kwalsijasi att pubbliku jew skrittura privata talvolta meħtieġa u neċessarja kif fuq espost;*

   *Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

Rat **ir-risposta ġuramentata** ta' Maria Ascione[1], waħda mill-konvenut fejn eċċepiet illi:-

1. *Illi l-esponenti flimkien ma ħuta huma il werrieta ta' missierhom Emmanuel Pullicino li gie nieqes nhar il 5 ta' Mejju 2018 u li is-successjoni tiegħu ġiet regolata permezz ta testment unica charta fl-atti tan nutar Ian Castaldi Paris datat l-1 ta' Marzu 2006 anness u markat bħala Dok A mar-rikors guramentat promotur.*

2. *Illi l-assi li Emmanuel Pullicino kien propjetarju tagħhom fid-data tal mewt tiegħu kienu: a) il-mezzannin bin numru ufficjali 44 bl-isem 'Valley View' fi Triq il-Gnien, Gharghur sovvrapost beni ta terzi u bl-arja libera tieghu; b) porzjon diviza ta art ossia għalqa formanti parti mil art imsejjħa 'Tax-Xwieki' fi triq bla isem u li tagħti għal triq ix-Xwieki fil limiti tal-Gharghur tal-kejl superficajli 309 mk c) għalqa accessibli min passaġġ komuni mingħajr numru u mingħajr isem li jagħti għal triq in-Naxxar fil-limiti tal-Gharghur inkluż il kamra ul-bir sottostanti l-istess kamra liema għalqa ghanda kejl cirka 378 mk d) il-mobbli li jinsabu ġewwa il-mezzannin bin numru ufficjali 44 bl-isem 'Valley View' fi Triq il-Gnien, Gharghur.*

3. *Illi l-esponenti taqbel mal-ewwel talba attrici u dan stante illi hija flimkien mal partijiet l-oħra f'din il kawza huma l-eredi universali ta' missierhom*

[1] Folio 18a

*Emmanuel Pullicino fi kwoti ta kwart indiviż kull wieħed tant illi l-partijiet diga accettaw l-istess wirt. Fil fatt huma diga għamlu l-atti ta eredita fos-thom id-dikjarazzjoni kawża mortis fl-atti tan nutar Dr. Charmaine Bonnici datat 24 ta' Ottubru 2018 kif ukoll qasmu deheb u flejjes li kienu jap-partjenu lil missierhom.*

4. *Illi l-esponenti għalhekk taqbel ukoll mat-talbiet l-oħra tar-rikors ġuramentat ossia illi l-propjetajiet indikati iktar l fuq jiġu determinati hux komodament divizzibli jew le u fin nuqqas jigu mibjugha bil-licitazzjoni.*

5. *Illi mingħajr pregudizzju għas suespost l-eponenti ma ghandiex oġġezzjoni illi l-ghelieqi supra citati jinqassmu kif indikat mil atturi ossia li b'nomina ta perit nominandi l Qorti tordna li dawn jigu assenjati waħda lir-rikorrenti u l-oħra lil intimati u dan salv għal ħlas b'ekwiparazzjoni fid-differenza tal valur bejn iż żewġ għelieqi.*

6. *Illi mingħajr pregudizzju għas suespost konsegwentament l-esponenti taqbel mas-sitt, seba' u tmien talbiet attrici u dan sabiex l-istess qasma tiġi riflessa b'kuntratt pubbliku bejn il-partijiet.*

7. *Illi mingħajr pregudizzju għas suespost stante illi l-esponenti giet mħarrka f'din il-kawza meta hija ma kellha l-ebda oġġezzjoni għal dak mitlub mil-atturi mhux issa biss izda min dejjem għalhekk ma ghandiex tkun l-espo-nenti li tbati l-ispejjez relattivi ma din il kawza li frankament setghet tiġi evitata kieku l partijiet kollha ftehmu u qablu.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi min issa ingunti għas subizzjoni.*

Rat li mill-folder tan-notifika jirriżulta li Carmel Pullicino ġie notifikat bir-rikors ġuramentat fl-10 ta' Ottubru, 2023[2].

Rat ir-rikors ta' Carmel Pullicino datat 6 ta' Novembru, 2023[3] biex tiġi ġustifikata l-kontumaċja tiegħu.

[2] Folio 17 fuq ġewwa.
[3] Folio 19

Rat ir-risposta oppositorja għal tali talba ta' l-atturi datata 30 ta' Novembru, 2023.[4]

Rat ukoll in-nota ta' referenza preżentata milll-istess rikorrenti Pullicino fir-rigward tal-mertu tal-kawza ukoll għal kontumaċja tiegħu, per parentesi waħda mhux awtorizzata. [5]

Semgħet it-trattazjoni fir-rigward tal-ġustifikazzjoni mitluba.[6]

Rat li din il-kawża tħalliet għal lum għal deċiżjoni fir-rigward tal-ġustifikazzjoni mitluba.

Ikkunsidrat

Illi fir-rikors in eżami il-konvenut Carmel Pulliċini jitlob lil Qorti li jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu fuq is-segenti binarji: igħid li meta rċeva ir-rikors ġuramentat hu kien qed jipprepara biex jitla' fuq btala ma familtu lejn Għawdex fejn kull sena jqatta' ġimgħatejn fi propjeta' li hu għandu hemm. Oltre hekk jgħid li ma **ttenta** jagħmel kuntatt ma l-avukat tiegħu, hu ma rnexxielux minħabba li dan kien indispost. Ukoll li l-avukat sottofirmat minħabba pressjoni ta' xogħol ma rnexxielux jippresenta risposta f'għoxrin jum.

Jkompli li tant għandu interess fil-kawża li anke niżel minn Għawdex biex ikun presenti għall-ewwel seduta

Ikkunsidrat.

Li għandu jingħad, u dan ġie korrettament ippuntwaliżżat mill-avukat ta' l-atturi, illi fit-trattazzjoni li segwit ir-rikors in eżami l-avukat tal-konvenut żid lanjanza oħra, issa attakka ukoll il-validità' tan-notifika tar-rikors ġuramentat billi qal lir-residenza tar-rikorrenti kif kienet tidher fuq il-karta ta' l-identità' tiegħu kienet

[4] Folio 26
[5] Datata 12 ta' Marzu, 2024.
[6] Seduta 1 ta' Diċembru. 2023

dik tad-dar li għandu ġewwa Għawdex u għalhekk in-notifika per se tar-rikors ġuramentat ma kienetx waħda valida.

A priori jingħad lil Qorti tissimpatizza mal-protesti mressqa mill-atturi fir-rigward, in kwantu i) dan ma kienx il-mertu tar-rikors li kien qed jiġi trattat, ii) l-istess rikorrenti stqarr hu li kien jqatta' biss ġimgħatejn fis-sena ġol indirizz ta' Għawdex ma familtu, u iii) ma talab u lanqas ressaq ebda prova fir-rigward.

Ikkunsidrat.

Mill-lat ġurisprudenzjali naraw li fid-deċiżjonijiet li se jsegwu ngħad in tematika li:-

-"**Noel Calleja vs Middle Sea Valletta Life Assurance Co. Ltd.**[7]

*6.L-istitut tal-kontumacja li dwaru gie interpost l-appell in ezami minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn issejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali (ara wkoll id-decizjoni in re: Vella pro et nomine v. Vella, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II – 170). 7.*

*7.Ghal bidu, l-aspett punittiv konsistenti fl-eskluzjoni talkonvenut milli jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet kien jigi adoperat ad unguem minn dawn il-Qrati izda, tenut kont ta' cirkostanzi varji li kienu jindikaw u jesigu mitigazzjoni fir-regoli tal-procedura, l-istess Qrati bdew, fil-kazi fejn ikun hekk indikat u fl-ahjar sens ta' gustizzja, "ixellfu" din ir-rigidita` u dan sewwa sew minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja kienet iggib maghha. Fil-fatt jirrizulta – anke mid-diversi decizjonijiet citati miz-zewg partijiet filkawza – li l-Qrati taghna*

*iddecidew li r-rigorozita` talprocedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata.*

[7] 126/2003/1 deċiża 28/1/2005

*8. Mal-milja taz-zmien anke l-legislatur hass il-bzonn li jintroduci emendi ghal dan l-istatut – hekk ara l-Att XXIV tal-1995 b'referenza ghall-Artikolu 158 tal-Kap. 12. Izzmien ghall-prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet gie estiz ghal ghoxrin jum u fil-kaz ta' kontumacja nghatat anke l- Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 6 minn 10 Qrati tal-Gustizzja possibilita` ta' prezentata ta' nota ta' osservazzjonijiet – in omagg tal-principju ribadit fil-gurisprudenza kostanti taghna li mqar jekk f'istat ta' kontumacja, il-parti mharrka kellha titqies bhala wahda li qeghda tirrimetti ruhha ghallgustizzja tal-Qorti u b'ebda mod ma hi qed tammetti ttalba.*

*9. Sfortunatament gara wkoll li maz-zmien il-flessibilita` li bdiet turi l-Qorti skond il-kaz, dejjem fl-interess talgustizzja, waslet ghal certa nuqqas ta' uniformita` u f'certi kazi anke waslet ghal decizjonijiet inkongruwi ghal xulxin. Kaz fejn il-fattispecie tieghu kienu pjuttost jiffavorixxu lgustifikazzjoni tal-kontumacji gieli gie michud, filwaqt li kaz iehor fejn in-nuqqas kien jidher aktar evidenti u mhux skuzabbli gieli gie accettat bhala wiehed skuzabbli. Filfatt anke fil-kaz in ezami, wiehed jista' jikkostata li certi decizjonijiet u certi enuncjazzjonijiet moghtija mill-Qrati gew citati sija minn parti u sija minn ohra, u dan in proprja difesa, ghas-semplici raguni li l-punt ta' divergenza ma jkunx proprjament konness mal-principju involut imma ma' l-applikazzjoni jew ma' l-interpretazzjoni ta' l-istess principju.*

*10. Dan kollu qieghed jinghad ghar-raguni li din il-Qorti hija tal-fehma li wasal iz-zmien fejn dawn il-fehmiet, kif jemanu mid-decizjonijiet ta' dawn il-Qrati, dwar l-istitut talkontumacja, jergghu jigu kemm jista' jkun arginati b'mod li jkunu aktar konsistenti u uniformi ma' xulxin. Wara kollox, il-bazi tar-regoli tal-procedura hija dik tac-certezza taddritt.*

*Decizjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti serviet bhala punt ta' tluq ghal dak li jikkoncerna l-istitut tal-kontumacja u lprincipji li ghandhom jirregolawha hija dik fl-ismijiet Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati lprincipji li gejjin;*

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;*

*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*

*(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

*Dawn l-istess principji gew riaffermati f'diversi decizjonijiet ta' dawn il-Qrati fosthom Paul Grixti vs Direttur taxXogholijiet Pubblici, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit12 ta' Dicembru 1975, u d-deiczjoni fl-ismijiet Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.*

*11. Kif gia` nghad supra, l-Artikolu 158 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta gie emendat. Is-socjeta` appellanti irriferiet partikolarment ghas-subartikolu 10, in bazi ta' liema l-kontumacja tista' tigi sanata jekk l-imharrek jirnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa kellu "raguni tajba li ghaliha naqas li jipprezenta n-nota ta' leccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni fiz-zmien li jmiss."*

*Jekk wiehed iqabbel dan is-subartikolu ma dak li gie elenkat fis-sentenza surreferita "Bugeja v. Ellul" (ara paragrafu 10) isib li hemm konvergenza. Dan maghdud, pero`, xorta wahda jibqa' mhux ghal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawza gusta" meta mill-principju wiehed jghaddi ghall-ezami tal-fatti. Fil-fatt gara li ftit ftit bdiet tidhol il-prassi – ghalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumacja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawza, allura dan beda jitqies bhala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumacja li trid tirrizulta biex il-kontumacja ma tigix iggustifikata. Din ilQorti trid taghmilha cara li gustifikazzjoni merament bazata fuq il-prezenza tal-parti mharrka fl-ewwel appuntament tal-kawza m'huwiex bizzejjed bhala turija li ma hemmx dispett jew kontumacja lejn l-awtorita` gudizzjarja. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali leccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

*12. Fil-kaz in ezami, il-fatti huma cari bizzejjed u dwarhom lanqas jidher li hemm divergenzi. Is-socjeta` konvenuta irceviet att ta' citazzjoni b'mod regolari. Impjegata taghha, fuq struzzjonijiet moghtijin lilha, ghaddiet l-istess citazzjoni bil-posta lill-avukat taghha, li inzerta li kien imsiefer u irritorna proprju f'jum tas-Sibt qabel l-ahhar jum li fih kien jiskadi t-terminu ghall-fini talprezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet. L-avukat tassocjeta` konvenuta f'dak il-jum kien mar fl-ufficju tieghu imma xehed li hu ma lahaqx fetah il-korrispondenza kollha, kompriza dik kontenenti c-citazzjoni "de quo".*

*13. In linja ta' gustifikazzjoni, is-socjeta` appellanti issottomettiet li hija "ma pprezentatx in-nota ta' eccezzjonijiet taghha mhux b'sinjal ta' dispett jew kontumalja lejn l-awtorita` tal-Qorti* Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 9 minn 10 Qrati tal-Gustizzja *izda semplicement minhabba l-fatt li l-impjegata tassocjeta` esponenti Simone Inguanez ma kienitx taf illi lkonsulent legali tas-socjeta` esponenti kien ser ikun imsiefer fuq xoghol ....." (Sottolinear tal-Qorti).*

*14. Fil-fehma tal-Qorti, ir-raguni moghtija ma tikkostitwixxix "kawza gusta" imma tammonta invece ghal nuqqas gravi. Dan il-fatt juri li minkejja dak li kien hemm imnizzel fuq l-att tac-citazzjoni bhala twissija lill-persuna mharrka, is-socjeta` konvenuta f'ebda mument minn mindu giet servuta bl-att tac-citazzjoni ma ikkomunikat direttament ma' l-avukat taghha. Lanqas jirrizulta li lavukat tas-socjeta` konvenuta ma hass il-bzonn li jinformaha li huwa ma setax jattendi l-ufficju fil-jiem in kwistjoni ghal ragunijiet ta' safar – ghalkemm din hija proprjament materja li tikkoncerna r-rapporti professjonali bejnu u bejn is-socjeta` konvenuta.*

*15. Is-socjeta` konvenuta ippruvat ukoll tibni argument mill-fatt li hija gia` kellha okkazjoni turi lill-kontroparti li kienet qeghda tikkontesta l-pretensjoni taghha u li allura fuq l-iskorta tad-decizjoni moghtija in re: Beacom et v. Spiteri Staines" (gia` citata) huwa kien awtorizzat jiggustifika l-kontumacja "stante li kien wera indikazzjoni lill-Qorti illi kellu intenzjoni li jikkontesta t-talbiet attrici." Din il-Qorti tahsibha xort'ohra. Bl-istess fatt imsemmi missocjeta` konvenuta, huwa daqstant iehor gustifikat li wiehed jargumenta li gialadarba s-socjeta` konvenuta kienet fi hsiebha tikkontesta l-pretensjoni ta' l-atturi, appena hija irceviet ic-citazzjoni hija ma kellha l-ebda raguni li ma tikkomunikax minnufih ma' l-avukat taghha. L-agir taghha, fic-cirkustanzi, kien negligenti ghall-ahhar u huwa sewwa sew dan il-komportament ta' mankanza li jammonta ghal dak id-dispett li jissemma' fid-decizjonijiet citati in propozitu. Jekk is-socjeta` konvenuta dehrilha li lavukat ta' fiducja taghha jirrisjedi biss f'persuna wahda, lanqas li setghet taghmel huwa li tinfurmah mill-aktar fiss bin-notifika ta' l-att tac-citazzjoni u mhux li timpustalu l-att tac-citazzjoni bla ma lanqas biss tinfurmah li ser taghmel hekk. Is-socjeta` konvenuta altru milli kellha zmien ghaddisposizzjoni taghha biex tikkomunika mal-legali taghha, u* Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 10

*minn 10 Qrati tal-Gustizzja dan apparti li fl-att li hija irceviet hija nghatat struzzjonijiet cari. Kif gustament gie ritenut mill-ewwel Qorti, "Il-fatt li l-avukat taghha kien imsiefer seta' gie verifikat filhin, biex jilhqu jittiehdu provvedimenti opportuni alternattivi." Bizzejjed jinghad li s-socjeta` konvenuta giet innotifikata bl-att tac-citazzjoni fit-12 ta' Jannar 2004, filwaqt li lavukat taghha kien imsiefer bejn l-24 ta' Jannar u (s-Sibt) 31 ta' Jannar, 2004. Ir-rikors ta' l-avukat taghha b'talba biex is-socjeta` konvenuta tigi awtorizzata tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet skond il-ligi sar fil-25 ta' Frar 2004, jigifieri ferm wara li saret in-notifika. Dik il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kif fuq esposti, ma jidhrilhiex li l-aggravji tas-socjeta` konvenuta huma fondati. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma d-decizjoni appellata kif moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, tichad l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha, b'dan li tordna li l-atti tal-kawza jintbaghtu lura minnufih quddiem l-ewwel Qorti biex hija tkompli bis-smigh tal-kawza skond il-ligi."*

**-Marco Grima vs Rita Grima**[8]

*"Illi f'din il-procedura jidher car ghalhekk li l-konvenuta mill-kontenut tar-rikors mhux qed tikkontesta l-validita` tan-notifika, anzi qed taccetta li hija giet debitament notifikata. Illi pero` ghall-finijiet procedurali dan ma jeskludiex illi l-konvenuta tista' tiggustifika l-kontumacja taghha jekk ikollha raguni tajba. Kieku kull darba li jigi ppruvat li saret notifika skond l-istess artikolu, kellu jigi prekluz mill-purgazzjoni tal-kontumacja, kienet tkun ghal kollox inutili w ozzjuza d-disposizzjoni tal-**art.158 (10) tal-Kap. 16** illi tippermetti lill-konvenut li juri lill-Qorti li kellu raguni tajba (reasonable cause) ghan-nuqqas tieghu (**"Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici" – A.C. 12 ta' Dicembru 1995**).*

*Illi l-istat tal-kontumacja huwa bbazat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie konvenut bic-citazzjoni u hija din id-disubidjenza li l-ligi trid tippunixxi in kwantu kontumacja bhal dik hija element ta' disordni socjali. (**"Joseph Vella proprio et noe vs John Vella"** - A. K. 21 ta' Mejju 1993).*

*Illi pero` sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, trid tkun gusta kawza **("Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici")**; u tali kawza gusta trid tikkonsisti fl-impediment legittimu (XXXVIII.i.393); biex ikun legittimu tali impediment irid*

[8] Deċiża 17 ta' Gunju, 2002 rikors 1135/2002

*ikun indipendenti mill-volonta' talkontumaci (XLII.i.811; XXIX.i.1581), b'dan ghalhekk li lkonkluzjoni logika ta' dawn il-principji huwa illi "f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire" (****"Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia"**** A.C. 16 ta' Frar 1996.).*

*Illi pero` xorta l-Qorti tqis il-kontumacja bhala mizura ta' natura punittiva necessarja sabiex tassigura rispett lejn latti emessi mill-Qorti, pero` minhabba s-sanzjonijiet spiss irriversibbli li timporta, r-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi applikata u nterprettata b'mod ristrettiv. (****"Emanuela Gerada et vs Joseph Abela et"**** - A.C. 17 ta' Marzu 1997).*

*Illi ghalhekk in vista tal-principju fondamentali audi alteram partem il-Qorti ghandha obbligu li la darba jidher il-konvenut, tara jekk ghandux ragunijiet gusti sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu, u dan huwa msahhah b'dak li jipprovdi l-****artikolu 158 (10)**** kif emendat bl-Att. XXIV tal-1995, fejn il-Qorti tiddikjara li l-istess konvenut li huwa kontumaci biss jekk "kemm-il darba ma jipprovax ghas-sodisfazzjon tal-Qorti raguni tajba 'il ghala jkun naqas li jipprezenta l-istess nota ta' eccezzjonijiet". Pero` l-presenza tal-konvenut fil-proceduri wahedha, bla raguni valida ta' gustifikazzjoni ta' kontumacja ma jfissirx li hija bizzejjed sabiex jinghata l-opportunita' jipprezenta leccezzjonijiet tieghu, ghaliex allura "l-istitut tal-kontumacja jigi dilwit sal-punt li jigi rez kompletament bla effikacja u inopperattiv kull fejn il-konvenut jaghzel li jidher fl-ewwel seduta………Din l-interprettazzjoni hi wahda li tmur kontra mhux biss kontra l-ittra u l-ispirtu tal-ligi, imma ukoll kontra kull sens ta' giustizzja procedurali kif espressa filKodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili….." (****"Joseph Aquilina et vs Lino Debono"**** - A.C. 7 ta' Ottubru 1997****).****

*Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz de quo jirrizulta li lkonvenuta ma gabitx prova sodisfacenti sabiex tipprova l-allegazzjonijiet taghha. Dak li rrizulta mill-provi hu li kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet dwar manteniment. Illi ladarba hi kienet marret ghand avukat biex issolvi lkwistjoni dwar il-manteniment daqstant iehor setghet marret ghand l-avukat taghha sabiex tirrispondi ccitazzjoni fiz-zmien stipulat mill-ligi. Hija ddecidiet li toqghod fuq dak li qalilha binha li kellem lill-avukat difensur ta' missieru.*

*Illi l-Qorti, kif presjeduta, kellha okkazzjoni f'diversi sentenzi fosthom ****"Ian Zahra vs Charles Demicoli et"**** (1548/99/RCP – 23/5/2000) fejn sostniet li "kull*

*nuqqas li seta' sar mid-difensuri ta' l-istess konvenut m'ghandux jimpedixxi lill-istess konvenut milli jigi moghti l-opportunita' li jiddefendi l-kawza li saret kontrih." Illi fil-kawza odjerna il-konvenuta ppruvat twaqqa' r-responsabbilta` fuq lavukat difensur tal-attur li jinghad li hi personalment lanqas biss kellmitu izda qaghdet biss fuq dak li rreferilha binha.*

*Illi kwindi din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti lkonvenuta ghax jidher car li hija kienet negligenti sew flagir taghha meta hija rceviet l-atti ta' din il-Qorti u dan anki jekk fl-ewwel dehra quddiem din il-Qorti hija dehret. Infatti mix-xhieda ma rrizultax li hija kienet kellmet lill-avukat taghha qabel l-ewwel dehra fl-4 ta' Marzu 2003 u dakinhar hi ddikjarat li kellha tkellimha ghax hi kienet qed topponi ghall-annullament.*

***III. KONKLUZJONI.***

*Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-attur ghallistess rikors, tali risposta datata 5 ta' Mejju 2003, **tichad it-talba tar-rikorrenti konvenuta Rita Grima** sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha abbazi tar-rikors taghha tal-24 ta' Marzu 2003, u dan stante li l-istess konvenuta ma rnexxilhiex tiggustifika l-kontumacja taghha.''*

Ikkunsidrat

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu l-konvenut kontumaċji jargumenta u jikkontesta l-validita' tan-notifika tiegħu għax jinsisti lil karta ta' l-identita' tiegħu hija reġistrata ġewwa Għawdex u li hu ma ġiex notifikta hemm bir-rikors ġuramentat.

**Jinsa pero li fir-rikors in eżami hu stess jiddikjara li fil-fatt hu kien tiela' għall-btala f'Għawdex mal-familja tiegħu fi propjeta' li fiha kull sena jmur jqatta' ġimgħatejn vakanza.**

Kif jingħad fil-każistika b'mod konsistenti kull kaz għandu l-partikolaritajiet u fattispecie tiegħu u għalhekk il-fatt waħdu li wieħed jippreżenta l-indirizz li jidher fuq il-karta' ta' l-identità' bħala dak abitwali u residenzjali tiegħu mhux norma assoluta li tipprova dan. Mhux l-ewwel darba lil Qrati jiġu rinfaċċati b'sitwazzjonijiet fejn tali reġistrazzjoni tintuża biex tirrendi notifika bħala waħda diffiċli u b'hekk jiġu evitati konsegwenzi naxxenti mill-istess. Oltre hekk l-istess

rikorrenti ma ressaq ebda prova proprja biex jikkonvinċi lil Qorti f'dan għajr għal dikjarazzjoni kontradittorja fir-rikors in eżami.

Konsegwentement il-Qorti ma tara xejn li jista' b'xi mod jirrendi din in-notifika bħala waħda nvalida. Per konsegwenza tgħaddi biex teżamina jekk hemmx ġustifikazzjoni leġittima għal kontumaċja tiegħu.

Carmel Pullicino jagħżel li ġustifika l-kontumaċja tiegħu billi jispjega li meta rċeva ir-rikors ġuramentat kien qed jipprepara biex jitla' btala Għawdex ma familtu. Meta prova, ittenta, jagħmel kuntatt mal-avukat tiegħu ma rnexxielux għax dan kien indispost. Meta rrexxielu, niżel minn Għawdex però minħabba pressjoni ta' xogħol l-avukat kien karenti fiż-żamma tat-termini legali.

Tibda din il-Qorti biex tqies bħala lodevoli li l-avukat firmatarju jasal biex jieħu fuqu dan il-piż ta' karenza fiż-żamma tat-termini ritwali neċessarji. Dan in-nuqqas hekk dikjarat da parti tiegħu jinkombi sew fuqu u fuq ir-relazzjoni li hu għandu mal patroċinat tiegħu. U fuq dan il-Qorti tieqaf hawn għax se mai jekk r-rikorrenti Pullicino jħossu aggravat b'dan, għandu jieħu dan l-ilment f'forum appositu ieħor.

Oltre' dan però, kif rajna aktar 'l fuq, il-kontumaċja ma tistax tkun waħda naxxenti minn att volontarju tal-konvenut. Huwa ċar, u dan kif dikjarat mill-istess konvenut, li kien aktar importanti u mpellenti għalih lli jitla' lejn Għawdex għal btala imbagħad jara kif se jittanta jkellem lil avukat tiegħu. Din *qua* raġuni ma tistax titqies bħala kawża ġusta biex twassal għal ġustifikazzjoni mixtieqa. Jidher ċar li Carmel Pullicino qiegħed il-prioritajiet tiegħu f'ordni ferm żbaljata. U forsi messu **ttanta** kuntatt ma avukat ferm qabel ma ħaseb biex imur għal btala! Jidher sew li għalih kien aktar importanti li jonora l-impenji tal-btala milli jaderixxi mat-termini ritwalment mposti. Dawn l-impenji ma jikkonsistu f'ebda impediment leġittimu li jiskużawh mit-termini miżmuma fil-proċedura.

Oltre dan, ir-rikorrenti kien ikun ferm aktar għaqli kieku għażel li jressaq provi biex jikkonvinċi lil Qorti ta' dak minnu dikjarat biex b'hekk jaħrab l-effetti tal-kontumaċja. Fatt dan li la sar u lanqas biss intalab.

**Konsegwentement il-Qorti sssib li fuq l-argumenti mressqa ukoll fuq nuqqas ta' provi biex isostnu dak dikjarat li għandha tiċħad it-talba u tikkonferma l-kontumaċja ta' Carmel Pullicino.**

**Onor Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Maraya Aquilina**

**Dep Reg**